MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-13 ta' Frar, 2014

Numru. 845/2011

**SPETTUR YVONNE FARRUGIA**

**VS**

**FRANCIS BONETT**

**ROBERT BONETT**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Francis Bonett ta` 66 sena, bin Carmel u Mary nee Schembri, imwieled tas-Sliema fis-12 ta` Awissu 1944, u residenti f`Sundown Court, K 130, Triq Telerit, Kappara u detentur tal-karta ta` l-identita` bin-numru 687644M

U

Robert Bonett ta` 64 sena, bin Carmel u Mary Bonett, imwieled tas-Sliema fis-27 ta` Novembru 1946 u residenti f`12, Bonett, Sqaq Sajjan, Sliema u detentur tal-karta ta` l-identita` bin-numru 1003646M.

Talli;

Fil-perjodu ta` bejn Jannar 2010 u Lulju 2011, f`dawn il-Gzejjer appropjaw ruhhom, billi dawru bi profitt ghalihom jew ghal persuna/i ohra, minn arlogg ta` l-idejn tal-marka CHOPARD, liema arlogg ghandu valur ta` aktar minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37), liema arlogg gie fdat jew ikkunsinnat lilhom taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u dan ghad-detriment ta` Edward Cassar minn San Pawl il-Bahar.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu, fil-qosor, os-segwenti. Fis-17 ta' Gunju, 2011, Edward Cassar, il-parti leza f'din il-kawza, kien ghamel rapport lill-Pulizija li xi sena qabel kien ta arlogg tad-ditta Chopard lil habib tieghu, certu Francis Bonnett, biex dan jiehdu ghat-tiswija f'hanut il-Belt. L-arlogg, izda, spicca nbiegh u l-flus uzahom Bonnett biex ihallas depositu l-Qorti ghal helsien mill-arrest preventiv fuq proceduri penali li l-istess Bonnett kien ghaddej dak iz-zmien. Il-Pulizija baghtet ghal Bonnett u ghal huh Robert, fejn dawn qalu li l-arlogg kien inghatalhom minn Cassar, u wara kienu bieghuh bil-kunsens tieghu biex ihallsu ghad-depositu l-Qorti kif gia' spjegat. Ghalhekk gew imressqa l-imputati fuq dawn l-akkuzi.

Mill-provi prodotti, ma jidherx li hemm wisq kontestazzjoni fuq fatti. Li ma hemmx qbil dwaru hu jekk Cassar kienx awtorizza lil Bonnett biex ibigh dak l-arlogg, li kien jiswa aktar minn ghaxart elef Ewro. Ghalhekk din hija kollha kwistjoni ta' kredibilita' tax-xhieda mressqa. Cassar xehed li hu kien ta l-arlogg lil Francis Bonnett biex jehodulu ghat-tiswija, u mbaghad qallu biex ibieghu. Wara hafna zmien, madwar sena, kien talab li jinghata l-arlogg lura, izda dan l-arlogg ma rahx aktar u Bonnett kien qallu biex jekk irid jaghmel rapport mal-Pulizija, u fil-fatt kien mar ghamel rapport lill-Pulizija.

Din il-verzjoni tikkuntarasta sew ma' dik li l-istess xhud kien ta lill-Pulizija meta ghamel ir-rapport tieghu f'Gunju 2011. Hemmhekk qal li kien halla l-arlogg ghat-tiswija, izda ftit jiem wara meta staqsieh jekk hux imsewwi, Francis Bonnett qallu li kien ghaddieh lil huh Robert biex izommulu fis-"safe" tieghu. Baqa' jitlobulhom, sa ma qalulu li kienu bieghuh ghall-"bail" ta' Francis. Qal ukoll li dam madwar sena biex jaghmel rapport lill-Pulizija ghax ma kienx jaf le kellu jaghmel rapport u kien mar ha parir tal-avukat tieghu.

Dawn iz-zewg verzjonijiet huma kontradittorji ghal xulxin. Jew kien qal lil Bonnett biex ibieghu l-arlogg, jew le. Inoltre, jew kien ha parir tal-avukat tieghu jaghmilx rapport, jew le. Dan apparti li f'dak iz-zmien, l-imputat kien ghaddej minn proceduri ta' separazzjoni minn mal-mara tieghu, u fuq dan l-istess arlogg – li kien tal-mara tieghu – kien hemm proceduri ohra pendenti ghal ragion fattasi.

Min-naha taghhom, l-imputati kienu konsistenti fil-verzjoni taghhom. Huma qalu li l-imputat kien qalilhom biex ibieghu l-arlogg, ghax kellu bzonn il-flus, u kien accetta li dawk il-flus jintuzaw ghall-“bail” ta’ Francis, bhala self minn ghandu ghal ghandhom. Din il-verzjoni hija aktar verosimili minn dik kontradittorja ta’ Cassar, u ghalhekk il-Qorti ma tistax taghti piz ghax-xiehda tieghu. Illi ghalhekk, din hija purament kwistjoni civili bejn Cassar u Francis Bonnett, u ma hemm ebda reat ta’ misapproprjazzjoni kif allegat minn Cassar.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Aritkoli 293, 310(1)(a), 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ma ssibx lill-imputati hatja u ghaldaqstant tilliberahom

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------